MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 72/2004

**Avviz numru 72/04DM**

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**James Robert (ID 522265 M )**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, u hames mija, wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1,591.21) rappresentanti ammont dovut minnu in konnessjoni ma’ servizzi telefonici in kwantu ghal elf, tlett mija , hamsa u sittin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1,365.76) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 2134 5318 u in kwantu ghal mitejn u hamsa u ghoxrin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm225.45) fuq servizz telefoniku 2122 2435 (skond kif

jirrizulta mill-annessi mal-avviz Dok C u A) liema servizzi gew installati fil-fond li jgib l-isem ‘Munchies’ 84, Triq San Gwann, Valletta, respettivament u dana kif jirrizulta mid-dokumenti B u D annessi mal-avviz,

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ elf u hames mija, wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu(Lm1,591.21), bl-imghaxijiet legali b’effett mil-4 ta’ Frar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------